MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1146/2013

**Malcolm Pace [I.D. 596654 M]**

**Vs**

**1. Dr Carmelo Mifsud Bonnici [I.D. 551833 M] f'ismu proprju u bhala ex-Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited (C 110) u tas-socjeta' Pabros Limited (C 190)**

**2. Raymond Gatt [I.D. 64659 M] f'ismu proprju u bhala stralcjarju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' MGI Malta bhala kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited (C 110) u tas-socjeta' Pabros Limited (C 190)**

**3. Onorevoli Ministru tal-Finanzi**

**4. Avukat Generali**

Permezz ta' rikors guramentat fid-29 ta' Novembru 2013, l-attur ippremetta u talab:

*Illi fil-11 ta' Settembru 1974 l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi ddikjara illi huwa kien innomina lill-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bhala kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u illi l-imsemmi Bank kellu interess f'Pabros Limited, u ghalhekk l-istess Ministru kien qieghed jordna illi l-konvenut Pabros Limited, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, u ddikjara inoltre illi l-istess konvenut ghandu jirrejalizza l-attiv ta' l-istess kumpanija u ghandu jzomm il-fondi hekk irrejalizzati b'mod hekk profitabbli kif ikun xieraq fic-cirkostanzi, bil-ghan ghall-hlas jew tqassim aktar 'il quddiem ta' dawk il-fondi skond il-ligi;*

*Illi l-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited la qatt kellu u lanqas ghandu ebda interess fis-socjeta' Pabros Limited, li taghha l-attur huwa azzjonista, kif jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi ghal din ir-raguni n-nomina tal-konvenuti kontrolluri taht l-artikolu 18 tal-Banking Act 1970 kif emendata hija kontra l-ligi;*

*Illi l-mod li bih il-kontrolluri u senjatament il-konvenut Mifsud Bonnici ezercita l-hatra tieghu bhala kontrollur tal-kumpanija Pabros Limited, biex zvestiha mill-assi kollha taghha, b'mod ultra vires u kontra l-ghan tal-hatra u b'tali mod illi mir-rikavat, il-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited ma gabret l-ebda flus mill-kumpanija Pabros Limited u l-kontrolluri agixxew bi ksur tad-drittijiet tal-azzjonisti ta' Pabros Limited u kkagunawlhom danni.*

Għaldaqstant l-attur talab:

*1. Illi l-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited m'ghandu l-ebda interess fil-kumpanija Pabros Limited;*

*2. Illi l-ordni fuq imsemmija tal-11 ta' Settembru 1974 lill-konvenut Mifsud Bonnici u dawk lill-kontrolluri sussegwenti huma nulli u minghajr ebda effett; u*

*3. Illi l-hatra tal-kontrollur f'Pabros Limited intuzat mill-konvenut kontrullur Mifsud Bonnici u dawk sussegwenti b'mod ultra vires, kontra l-ghan tal-hatra u bi ksur tad-drittijiet tal-azzjonisti tas-socjeta' Pabros Limited u li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kkagunati.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-24 ta' Jannar 2014 (fol. 10), il-konvenuti Ministru ghall-Finanzi u l-Avukat Generali ddikjaraw:-

*(I) Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ghall-*

*azzjoni fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12;*

*(II) Illi in linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi fl-azzjoni odjerna stante' li d-decizjonijiet li hadu l-intimati l-ohra kontrollur u stralcjarju rispettivament meta espletaw l-inkarigi rispettivi taghhom ma jaqawx fi hdan il-funzjonijiet u l-poteri legali tal-esponenti u ghalhekk ukoll l-esponenti ma jirrispondux ghalihom;*

*(III) Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghall-premess:*

*(i) fl-ewwel lok in kwantu r-rikorrent qed jittenta jimpunja att amministrattiv tal-11 ta' Settembru 1974, l-azzjoni odjerna hi perenta ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12; u*
*(ii) fit-tieni lok, fi kwalunkwe kaz l-azzjoni proposta hi estinta bil-preskrizzjoni ta' tletin sena ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16;*

*(IV) Illi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, ghalhekk biss, il-pretensjonijiet tar-rikorrent huma insostenibbli u tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni qed tigi intavolata wara t-trapass ta' kwazi erbghin sena min-nomina ta' kontrollur, l-azzjoni tar-rikorrent tikkostitwixxi abbuz tal-process gudizzjarju;*

*(V) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante' li l-imsemmija intimati l-ohra, il-kontrollur u l-istralcjarju rispettivament svolgew l-inkarigu taghhom skont il-ligi u dejjem agixxew fil-parametri tal-ligi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kif dedotti fir-Rikors guramentat in risposta; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-24 ta' Jannar 2014, Raymond Gatt nomine ddikjara:-

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante' illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*i. Illi kwalsiasi azzjoni tentata mir-rikorrenti hija perenti bid-deskors ta' sitt xhur u dan a tenur tal-artiklu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ii. Illi bla pregudizzju ghal dak gia' eccipit, kwalsiasi azzjoni tentata mir-rikorrenti hija perenti bid-dekors ta' tletin sena mill-att u dan a tenur tal-artiklu 2143 tal-Kap. 16 tal-ligijiet taghna. Attwalment il-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u Pabros Limited tpoggew taht il-kontroll tal-Kontrollur fil-25 ta' Novembru 1972 u fil-11 ta' Settembru 1974 rispettivament;*

*iii. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u ghalhekk f'kaz li jirrizulta li r-rikorrenti ghadu a tempo li jistitwixxi l-istess kawza, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija diretta kontra l-esponenti kemm personalement, f'ismu*

*proprio kif ukoll bhala stralcjarju u ghan-nom u in rappresentanza ta' MGI Malta bhala kontrollur tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited u tas-socjeta' Pabros Limited huwa ma ddispona minn ebda ass ital-istess zewg socjetajiet kif sejjer jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, u kwindi mhux biss ma seta' qatt, b'xi mod, ikkawza danni lill-istess attur, talli lanqas ma seta' agixxa bi ksur tad-drittijiet tal-azzjonisti ta' Pabros Limited, liema drittijiet, comunque jridu jigu ddecifrati mir-rikorrenti, sabiex l-esponenti ikun jaf ahjar kif ghandu jiddefendi ruhu;*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-27 ta' Jannar 2014, il-konvenut Dr Carmelo Mifsud Bonnici wiegeb:

*i. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghax huma infondati u ghalhekk ma ghandux dritt jagixxi bhala tali;*

*ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited kellu skont il-ligi interess indirett fis-socjeta' Pabros Limited u ghalhekk in-nomina ta' kontrollur taghha saret skont il-ligi;*

*iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-hatra ta' kontrollur ma ntuzatx b'mod ultra vires jew kontra l-ghan indikat fil-ligi jew b'dannu tad-drittijiet tal-azzjonisti tal-Pabros Limited u kwindi l-esponenti mhux responsabbli lejn l-azzjonisti ghad-danni;*

F'din is-sentenza ser jigu trattati l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u l-Ministru tal-Finanzi. Il-qorti rat ukoll l-atti tal-kawza 520/1977 fl-ismijiet **Carmelo Farrugia et vs Avukat Dr Carmelo Mifsud Bonnici.** F'dik il-kawza, li ghadha pendenti, intalab li l-konvenut ighid ghalfejn m'ghandux jigi dikjarat li l-BICAL[1]:

*"m'ghandu l-ebda interess, la dirett u lanqas indirett, fil-kumpannija: Pabros Limited; u ghaliex, per konsegwenza, m'ghandux jigi dikjarat u deciz illi l-ordni fuq imsemmija moghtija mill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana fil-11 ta' Settembru 1974 lill-konvenut in konnessjoni ma' Pabros Limited hi nulla u minghajr ebda effett".*

Jirrizulta li b'ordni tal-11 ta' Settembru 1974, il-Ministru tal-Finanzi u Dwana filwaqt li ddikjara li kien innomina lil Dr Mifsud Bonnici bhala kontrollur tal-BICAL fit-termini tal-Artikolu 18 tal-Bank Act:-

*"And whereas the said Bank has an interest in Pabros Limited.*

*Now pursuant to and in virtue of the powers vested in me under the said section 18 and after consultation with the Central Bank of Malta, and subject to such further directions and powers as I may give, I hereby direct that the said Dr Carmelo Mifsud Bonnici shall have all the powers, functions and duties of the said Pabros Limited*

[1] Dik il-kawza giet proposta minn *"Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita taghhom ta' Diretturi ta' Pabros Limited in rapprezentanza tal-istess".*

*whether exercisabel by the company in general meeting or by the board of directors or by any other person, including the legal and judicial representation of the company, and that any such powers, functions or duties shall be exercisable by and vest in the said Dr Carmelo Mifsud Bonnici to the exclusion of any other person.*

*I further direct that the said Dr Carmelo Mifsud Bonnici shall realize the assets of Pabros Limited and shall keep the funds so realized in such profitable manner as may be appropriate in the circumstances with a view to eventual payment or distribution of those funds according to Law"*[2].

L-Artikolu 18(3)(b) tal-Banking Act[3], kien jipprovdi:

*"il-persuna nominata skond xi wiehed mill-imsemmija paragrafi jkollha, dwar dik il-proprjeta' u dawk is-socjetajiet, ditti jew kummerc iehor kif il-Ministru jista' jispecifika u li* ***fihom il-bank ikollu interess****, sew direttament jew indirettament, inkluz kull interess li jinholoq minn avvanzi, self jew facilitajiet ta' kreditu moghtija jew minn xi responsabbilta' mehuda, dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja, li l-Ministru jista' jordna, u kull setgha, funzjoni jew dmir bhal dawk ikunu ezercitabbli minn dik il-persuna u vestiti fiha bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra"*.

L-ilment tal-attur hu li l-BICAL qatt ma kellu nteress fil-Pabros Limited. Hu evidenti li t-tezi tieghu hi li ma kienx hemm l-elementi mehtiega sabiex fil-konfront ta' Pabros Limited tinghata ordni a bazi tal-Artikolu 18(3)(b).

Il-qorti rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur (23 ta' Marzu 2015) u tal-Avukat Generali u Ministru tal-Finanzi (16 ta' Jannar 2015).

**<u>Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur (Artikolu 181B tal-Kap. 12)</u>.**

L-Artikolu 181 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

*L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*.

Pero' f'din il-kawza l-attur qieghed jimpunja direttament ordni tal-Ministru tal-Finanzi. Il-qorti ma tarax xi htiega hemm li l-Avukat Generali jkun parti fil-kawza. Ghalhekk tikkonkludi li l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur.

**<u>L-Avukat Generali u l-Gvern m'humiex legittimi kontraditturi ghaliex id-decizjonijiet haduhom il-konvenuti l-ohra</u>.**

---

[2] Fol. 55 tal-kawza 520/1977.
[3] Ara Att numru XXXVI tal-1974.

L-attur qieghed jimpunja ordni tal-Ministru tal-Finanzi. Permezz tat-tieni talba l-attur talab dikjarazzjoni li l-ordni tal-11 ta' Settembru 1974 hi nulla u bla effett. L-ewwel talba hi preordinata ghat-tieni talba. Certament li l-Gvern ghandu *locus standi* fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba, il-qorti fehemet li l-ilment hu ndirizzat fil-konfront ta' Dr Mifsud Bonnici u MGI Malta. Talba fir-rikors guramentat ma tistax titqies b'mod izolat. It-tielet talba tar-rikors guramentat hi bbazata fuq il-premessa:

*"Illi l-mod li bih il-kontrolluri u senjatament il-konvenut Mifsud Bonnici ezercita l-hatra tieghu bhala kontrollur tal-kumpanija Pabros Limited, biex zvestiha mill-assi kollha taghha, b'mod ultra vires u kontra l-ghan tal-hatra u b'tali mod illi mir-rikavat, il-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited ma gabret l-ebda flus mill-kumpanija Pabros Limited u* ***l-kontrolluri agixxew bi ksur tad-drittijiet tal-azzjonisti ta' Pabros Limited u kkagunawlhom danni****"* (enfazi mizjuda mill-qorti, fol. 3).

Hu ghalhekk evidenti li fir-rigward tat-tielet talba, l-ilment hu fil-konfront tal-konvenut Dr Mifsud Bonnici u MGI Malta. Ovvjament illum l-attur jargumenta li l-pretensjoni hi wkoll kontra l-Ministru tal-Finanzi. Pero' mir-rikors guramentat, il-qorti ma fehmitx hekk.

F'kull kaz ghal dak li jirrigwarda l-ilment relatat mal-operat tal-kontrolluri fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Ministru tal-Finanzi m'huwiex il-legittmu kontradittur in kwantu ma ghandux iwiegeb ghal nuqqasijiet li seta' ghamel haddiehor. L-attur ilmenta li l-kontrolluri agixxew *"ultra vires u kontra l-ghan tal-hatra….".* Jekk il-kontrolluri ghamlu affarijiet li ma kienux awtorizzati li jaghmlu bl-ordni li nghatat fil-11 ta' Settembru 1974 mill-Ministru taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju, huma dawk il-persuni li jridu jwiegbu u mhux il-Ministru tal-Finanzi.

**<u>L-azzjoni hi perenta b'applikazzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 peress li l-attur qieghed jimpunja att amministrattiv tal-11 ta' Settembru 1974. F'kull kaz hi perenta bil-preskrizzjoni tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.</u>**

Fiz-zmien li nghatat l-ordni mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana, l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma kienx jezisti. Provvediment li dahal fis-sehh permezz tal-Att XXIV tas-sena 1995, fl-1 ta' Ottubru 1995 (ara Avviz Legali 131 tas-sena 1995).

L-attur qieghed jimpunja l-ordni tal-Ministru tal-Finanzi sa minn meta nghatat, cjoe' 11 ta' Settembru 1974. Skond l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12:

*"(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess* ***isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv****"* (enfazi mizjuda).

Fir-realta' t-tieni talba tal-attur mhi xejn ghajr talba ghal stharrig ta' ghemil amministrattiv. L-attur qieghed isostni li l-ordni tal-Ministru tal-Finanzi u Dwana tal-

11 ta' Settembru 1974 kienet *ultra vires*. Dan hu mibni fuq il-premessa li BICAL qatt ma kellu nteress fis-socjeta Pabros Limited u ghaldaqstant il-Ministru qatt ma seta' jinkariga lil Dr Mifsud Bonnici sabiex jiehu kontroll ta' Pabros Limited. Hu evidenti li l-attur jallega li l-Ministru tal-Finanzi u Dwana agixxa *ultra vires*.

Gialadarba qieghed jintalab l-istharrig ta' eghmil amministrattiv ta' ordni li nghatat qabel dahal fis-sehh l-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12, il-qorti hi tal-fehma li l-perjodu ta' dekadenza kontemplat fl-Artikolu 469A(3) ma japplikax ghal dan il-kaz.

Fir-rigward tan-nomina tal-konvenuta l-ohra, ma jirrizultax li din kienet saret mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana. Ghalhekk ma tistax tifforma oggett ta' din il-kawza gialadarba m'hijiex parti ghall-istess[4].

L-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jipprovdi li:-

*"**L-azzjonijiet kollha**, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi"*.

L-ordni tal-Ministru tal-Finanzi u Dwana harget fil-11 ta' Settembru 1974. Il-kawza giet proposta fid-29 ta' Novembru 2013, cjoe' 39 sena wara. Is-sentenza li nghatat fl-1996 u pubblikata fil-Volum LXXX.ii.849 (**Cecil Pace proprio et nomine et vs Emanuel A. Bonello pro et nomine**) u li rrefera ghaliha l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet, kienet titratta d-dritt ta' azzjonist li jipproponi kawza fl-interess tal-kumpannija. Il-qorti ma taqbilx li kien biss wara dik is-sentenza li l-attur seta' jipproponi kawza biex jimpunja l-ordni tal-Ministru. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat li **fic-cirkostanzi partikolari**, l-attur kellu dritt jipproponi kawza biex jipprotegi l-interessi tal-kumpannija. Is-sentenza ma holqitx xi drittijiet godda. L-azzjoni derivattiva kienet diga' tezisti taht l-ordni legali Malti[5].

Fil-kawza tal-lum l-attur harrek f'ismu personali u lmenta li l-kontrolluri kienu agixxew bi ksur **tad-drittijiet tal-azzjonisti ta' Pabros Limited** u kkagunawlhom danni. F'dan ir-rigward hu evidenti li l-attur qieghed ifittex fl-interess personali u mhux tal-kumpannija. Fil-fatt fit-tielet talba l-attur talab dikjarazzjoni:

---

[4] Fl-audited accounts tas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2005 jinghad: *"On 31 January 2003, the firm Gatt, Galea & Co was appointed as Controller of Pabros Limited by the Malta Financial Services Authority"* (fol. 282 tal-kawza 520/1977). Jirrizulta wkoll li sussegwentement l-istess Awtorita hatret lil Raymond Gatt bhala stralcarju ta' Pabros Limited (avviz datat 10 ta' April 2006 u pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 17,908 tat-13 ta' April 2006).

[5] *"The derivative action is therefore an exception to the rule in Foss v Harbottle that in respect of a wrong alleged to be done to a company the company itself is the proper plaintiff. It should be noted that a court will not however allow the derivative action to proceed if another adequate remedy is available or if it was brought for an ulterior purpose. **It should also be noted that the derivative action is not available when the company is in liquidation**"* (Prof. Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law*, Malta University Press (2007) pagna 891).

*"3. Illi l-hatra tal-kontrollur f'Pabros Limited intuzat mill-konvenut kontrollur Mifsud Bonnici u dawk sussegwenti b'mod ultra vires, kontra l-ghan tal-hatra u* ***bi ksur tad-drittijiet tal-azzjonisti tas-socjeta Pabros Limited*** *u li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kkaguanti"* (enfazi tal-qorti).

Minn qari tar-rikors guramentat il-qorti fehemet li l-attur qieghed jilmenta mhux fl-interess tal-kumpannija imma **tieghu personalment**[6]. Fl-ebda parti tar-rikors ma ddikjara li qieghed jagixxi fl-interess tal-kumpannija. Il-qorti m'hijiex ser titratta dwar jekk l-attur bhala azzjonist ghandux dritt ta' azzjoni personali, gialadarba t-tlett eccezzjonijiet li ser jigu decizi llum ma jitrattawx dan l-aspett.

Il-qorti tagmilha cara li din is-sentenza m'ghandhiex tiftiehem fis-sens li l-qorti qeghda tikkonferma li l-attur hu azzjonist ta' Pabros Limited (ara l-ewwel eccezzjoni ta' Dr Mifsud Bonnici)[7]. Materja li dwarha ghadhom ma tressqux provi. Madankollu fl-Annual Return tal-kumpannija sal-20 ta' Mejju 1974, hemm dikjarat li l-attur ghandu 499 sehem (ara fol. 60 tal-kawza 520/77). Formola ffirmata mill-attur stess u li jidher li giet prezentata fl-ufficcju tar-Registru tal-Kumpanniji fl-ahhar ta' Mejju 1974. Ir-riferenza ghal dan 'il fatt qeghda ssir ghal finijiet tal-eccezzjoni relatata mal-preskrizzjoni estintiva u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' Dr Mifsud Bonnici ser tibqa' mpregudikata.

L-attur ma ta l-ebda prova li qabel ippropona l-kawza fid-29 ta' Novembru 2013, kien ipprezenta atti gudizzjarji kontra l-Ministru tal-Finanzi sabiex jikser il-preskrizzjoni.

Fl-ahharnett il-qorti tosserva wkoll li r-riferenza li ghamel l-attur ghall-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386)[8], m'ghandha l-ebda rilevanza ghal dak li jirrigwarda l-impunjazzjoni tal-ordni tal-Ministru tal-Finanzi u Dwana.

Bla pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni, fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi il-qorti tosserva li f'kull kaz:-

i. L-ghan principali wara din l-azzjoni kien li jigi dikjarat li l-ordni tal-Ministru tal-Finanzi tal-11 ta' Settembru 1974 hi *ultra vires*. Diga' hemm kawza pendenti fejn qieghed jintalab dikjarazzjoni li l-ordni tal-Ministru tal-Finanzi hi *'nulla u bla effett'* (Citaz numru: 520/77). Pero' dik il-kawza saret mill-attur fil-vesti tieghu ta' direttur tal-kumpannija Pabros Limited u l-Ministru tal-Finanzi m'huwiex parti fiha. F'dik il-kawza wahda mill-eccezzjonijiet li nghatat mill-avukat Dr Mifsud Bonnici hi: *"... l-atturi ma jistghux jagixxu*

---

[6] Dwar dan ara pagna 901-907 tal-ktieb *Principles of Maltese Company Law*, Prof. Andrew Muscat.

[7] Mill-atti tal-kawza 520/77 jirrizulta li sal-ahhar ta' Gunju 1972 l-azzjonisti tal-Pabros Limited kienu Universal Investment Co. Ltd u M.I.D.C Limited (250 sehem kull wiehed) [fol. 73]. Cecil Pace xehed: *"Mid-dokumenti li jidhru fil-process jidher li t-transfer favur tieghi sar 7th November 1972 u transfer favur it-tfal sar fit-12th November 1972"* (fol. 99 tal-kawza 520/77).

[8] Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur argumenta li kien biss bl-Att dwar il-Kumpanniji li l-azzjonist inghata rimedju kontra pregudizzju mhux gust.

*validament in rappresentenza tal-kumpannija Pabros Limited"* (fol. 6). Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-attur, konxju ta' dawn l-intoppi, ippropona l-kawza tal-lum f'tentattiv biex jipprova jirrimedja ghad-diffikultajiet.

ii. Fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi t-tielet talba tista' tkun biss konsegwenzjali ghat-tieni talba. Bil-mod kif giet proposta l-kawza, l-attur qatt ma jista' jirnexxi fit-tielet talba jekk ma jirnexxielux jottjeni dikjarazzjoni li l-ordni tal-11 ta' Settembru 1974 kienet illegali.

iii. Gialadarba l-qorti kkonkludiet li l-jedd tal-azzjoni tal-attur biex jimpunja l-ordni tal-11 ta' Settembru 1974 hu preskritt, allura ma jistax jitlob dikjarazzjoni ta' responsabbilta ghad-danni li l-attur jista' jippretendi li sofra minhabba l-allegata ordni *ultra vires*. Materja li dwarha l-attur tilef il-jedd ta' azzjoni minhabba t-trapass taz-zmien.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.**
2. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi fir-rigward tat-tielet talba, u tichad l-eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel u tieni talbiet.**
3. **Fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi tilqa' t-tielet eccezzjoni fir-rigward tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, u tichad l-istess fir-rigward tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.**

**Spejjez ta' din is-sentenza jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-attur u 20% a karigu tal-Ministru tal-Finanzi.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------